

**Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

**11487/22
ADD 1**

**EF 212
ECOFIN 742
DELECT 125**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4844 final
Suġġett:	ANNEX tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../.... li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4844 final.

Mehmuż: C(2022) 4844 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4844 final

ANNEX

ANNEX

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../....

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-
rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-
investment**

ANNEX

MUDELL TAL-ISKEDA TAL-INFORMAZZJONI EWLENIJA DWAR L- INVESTIMENT

Din l-offerta ta' finanzjament kollettiv la ġiet ivverifikata u lanqas ma ġiet approvata minn [l-awtoritajiet kompetenti – daħħal l-isem sħiħ tal-awtorita'/awtoritajiet kompetenti] jew mill-Awtorita' Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (European Securities and Markets Authority, ESMA).

L-adeqwatezza tal-esperjenza u l-għarfien tiegħek ma kinux neċessarjament ivvalutati qabel ma ngħatajt aċċess għal dan l-investment.

Meta qed tagħmel dan l-investment, qed terfa' r-responsabbiltà tar-riskju kollu ta' dan l-investment, inkluż ir-riskju li titlef il-flus investiti kollha jew parti minnhom.

Twissijiet dwar ir-riskju

L-investment f'dan il-proġett ta' finanzjament kollettiv jinvolvi riskji, inkluż ir-riskju li titlef il-flus investiti kollha jew parti minnhom. L-investment tiegħek ma huwiex kopert mill-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.¹ Lanqas ma huwa kopert mill-iskemi ta' kumpens tal-investitur stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.²

Inti tista' ma tirċievi l-ebda redditu fuq l-investment tiegħek.

Dan mhuwiex prodott tat-tfaddil u r-rakkomandazzjoni tagħna hija li ma tinvestix aktar minn 10 % tal-valur nett tiegħek fi proġetti ta' finanzjament kollettiv.

Jaf ma tkunx tista' tbigħ l-istrumenti tal-investment meta tkun tixtieq. Jekk inti tkun kapaċi' tbigħhom, tista' madankollu ġġarrab telf.

¹ Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti, (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

² Id-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22).

Perjodu ta' riflessjoni prekontrattwali għall-investituri mhux sofistikati

L-investituri mhux sofistikati jibbenefikaw minn perjodu ta' riflessjoni li matulu jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jirrevokaw l-offerta tagħhom li jinvestu jew jesprimu interess fl-offerta ta' finanzjament kollettiv mingħajr ma jagħtu raġuni u mingħajr ma jġarrbu penali. Il-perjodu ta' riflessjoni jibda mill-mument li l-investitur prospettiv mhux sofistikati jagħmel offerta biex jinvesti jew jindika l-espressjoni ta' interess tiegħu, u jiskadi wara erbat ijiem kalendarji minn dan il-mument 'il quddiem.

[Hawnhekk daħħal il-modalitajiet li bihom l-investituri mhux sofistikati jistgħu jeżerċitaw id-dritt ta' revoka tagħhom waqt il-perjodu ta' riflessjoni, flimkien ma' informazzjoni dwar dan il-proċess u l-konsegwenzi tiegħu.]

Ħarsa ġenerali lejn l-offerta ta' finanzjament kollettiv

Identifikatur tal-	Identifikatur tal-offerta kif stabbilit fl-Artikolu 3
---------------------------	---

offerta	
Sid il-proġett u isem il-proġett	
Tip ta' offerta u tip ta' strument	
Ammont fil-mira	L-ammont fil-mira u l-munita tal-offerta ta' finanzjament kollettiv, inkluż il-valur ekwivalenti f'euro u d-data tar-rata tal-kambju, jekk l-offerta ta' finanzjament kollettiv tipprevedi munita mhux tal-euro.
Skadenza	Id-data li fiha l-offerta se tingħalaq għal investituri prospettivi.

Parti A: Informazzjoni dwar sid il-proġett(i) u l-proġett ta' finanzjament kollettiv

(a)	<p>Sid il-proġett u l-proġett ta' finanzjament kollettiv¹</p> <p><i>[Imla din it-Taqsima billi tinkludi l-informazzjoni indikata hawn taħt, kif applikabbli]</i></p> <p>Identità: L-isem legali ta' sid il-proġett, il-pajjiż tal-inkorporazzjoni/tar-reġistrazzjoni u n-numru ta' reġistrazzjoni.</p> <p>Forma ġuridika: Forma ġuridika.</p> <p>Detalji ta' kuntatt: Is-sit web, l-indirizz tal-uffiċċju rreġistrat, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown.</p> <p>Sjieda: Id-data tal-aħħar bidla fis-sjieda u deskrizzjoni qasira tal-istruttura tas-sjieda ta' sid il-proġett u, fejn rilevanti, tal-proġett. Din l-informazzjoni tista' tiġi ppreżentata fil-forma ta' dijagramma².</p> <p>Ġestjoni: Deskrizzjoni qasira tal-korpi ta' ġestjoni ta' sid il-proġett. Fejn disponibbli u meqjus xieraq, tista' tiġi inkluża hyperlink għall-<i>curricula vitae</i> tal-membri fil-korpi tal-ġestjoni.</p>
(b)	<p>Responsabbiltà għall-informazzjoni pprovduta f'din l-iskeda bl-informazzjoni ewlenija dwar l-investment</p> <p>“Sid il-proġett jiddikjara li, sa fejn jaf hu, l-ebda informazzjoni ma tħalliet barra jew hija materjalment qarrieqa jew mhux preċiża. Sid il-proġett huwa responsabbli mit-tħejjija ta' din l-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment.”</p> <p><i>[Imla din it-Taqsima billi telenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi li huma responsabbli mill-informazzjoni mogħtija fl-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment skont il-liġi nazzjonali. Fil-każ ta' persuni fiżiċi, bħalma huma l-membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji ta' sid il-proġett, indika l-ismijiet u l-funzjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi, indika isimhom u l-uffiċċji rreġistrati tagħhom.]</i></p> <p>“Id-dikjarazzjoni tal-persuni [kull waħda] msemmin hawn fuq fir-rigward tar-responsabbiltà tagħhom għall-informazzjoni mogħtija f'din l-iskeda tal-informazzjoni</p>

¹ Mingħajr preġudizzju għall-obbligu li tiġi pprovduta l-informazzjoni stabbilita f'din it-Taqsima, sid il-proġett jista' jinkludi wkoll il-logo tiegħu f'din it-Taqsima.

² Fil-każ, pereżempju, li sid il-proġett ikun parti minn grupp, id-dijagramma tista' turi l-istruttura tal-grupp u l-pożizzjoni ta' sid il-proġett fi ħdan il-grupp.

	ewlenija dwar l-investment skont l-Artikolu 23(9) tar-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* ³ hija inkluża bħala [l-Anness [A] hawnhekk ⁴ ”].
(c)	<p>L-attivitajiet prinċipali ta’ sid il-proġett; prodotti jew servizzi offruti minn sid il-proġett</p> <p>Deskrizzjoni qasira tan-natura tal-attivitajiet prinċipali u l-kisbiet kummerċjali attwali ta’ sid il-proġett, inkluż, fejn rilevanti, preżentazzjoni qasira tal-istrateġija tiegħu u l-valur miżjud maħluq.</p>
(d)	<p>Hyperlink għall-aktar dikjarazzjonijiet finanzjarji reċenti ta’ sid il-proġett</p> <p>Sa fejn ikun disponibbli, għandha tiġi inkluża hyperlink għar-rapporti finanzjarji l-aktar reċenti ta’ sid il-proġett.</p> <p>Jekk ir-rapporti finanzjarji jkunu ġew awditjati, tista’ tiġi inkluża wkoll hyperlink għar-rapport(i) tal-awditjar rilevanti.</p> <p>Jekk ir-rapporti finanzjarji l-aktar reċenti ma jkunux disponibbli, dan il-fatt għandu jissewma b’mod espliċitu. Ir-raġunijiet għal dan in-nuqqas ta’ disponibbiltà jistgħu jiġu speċifikati. Huwa biss meta r-rapporti finanzjarji l-aktar reċenti ma jkunux disponibbli, li minflok tista’ tiġi inkluża hyperlink għall-karta tal-bilanċ aġġornata ta’ sid il-proġett, jekk tkun disponibbli.</p> <p>Fejn ikun hemm entità bi skop speċjali li tintervjeni bejn sid il-proġett u l-investituri, l-informazzjoni ta’ hawn fuq tista’ tiġi pprovduta wkoll fir-rigward tal-entità bi skop speċjali.</p>
(e)	<p>Iċ-ċifri u l-proporzjonijiet finanzjarji annwali ewlenin għal sid il-proġett għal dawn l-aħħar tliet snin</p> <p>Preżentazzjoni taċ-ċifri u l-proporzjonijiet finanzjarji annwali ewlenin bħal:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) il-fatturat; (ii) il-profitt nett annwali; (iii) l-assi totali, (iv) il-marġini ta’ profitt gross, operattiv u nett; (v) id-dejn nett; il-proporzjon ta’ dejn-ekwità; (vi) il-proporzjon ta’ likwidità immedjata; il-proporzjon tal-kopertura tas-servizz tad-dejn; (vii) il-qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzament (earnings before interest, taxes, depreciation and amortisation, EBITDA); (viii) ir-redditu fuq l-ekwità; (ix) il-proporzjon tal-assi fissi intanġibbli mal-assi totali.
(f)	Deskrizzjoni tal-proġett ta’ finanzjament kollettiv, inkluż l-iskop tiegħu u l-

³ Ir-Regolament (EU) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta’ servizzi ta’ finanzjament kollettiv għan-negozji u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1).

⁴ Id-dikjarazzjoni ta’ kull persuna responsabbli għandha tikkonforma mal-Artikolu 23(9) tar-Regolament (UE) 2020/1503.

	<p>karatteristiċi prinċipali.</p> <p>Deskrizzjoni tal-proġett ta' finanzjament kollettiv, inkluż l-iskop u l-karatteristiċi ewlenin tiegħu u l-użu maħsub tal-fondi miġbura.</p>
--	---

Parti B: Il-karatteristiċi ewlenin tal-proċess ta' finanzjament kollettiv u l-kundizzjonijiet [għall-ġenerazzjoni ta' kapital] jew [għas-self ta' fondi]

(a)	<p>Minimu [kapital fil-mira li għandu jiġi ġġenerat] jew [fondi fil-mira li għandhom jittieħdu b'self] f'offerta unika ta' finanzjament kollettiv</p> <p>[Ammont u munita]</p> <p>L-għadd ta' offerti (pubbliċi jew mhux pubbliċi) li diġà tlestew minn sid il-proġett jew mill-fornitur ta' finanzjament kollettiv għal dan il-proġett ta' finanzjament kollettiv</p> <table border="1" style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <thead> <tr> <th style="width: 15%;">Tip ta' offerta u tip ta' strument offruti</th> <th style="width: 15%;">Id-data għat-tlestija</th> <th style="width: 40%;">Ammont [miġbur/meħud b'self] u l-ammont fil-mira (inkluż il-valur ekwivalenti f'euro u d-data tar-rata tal-kambju fil-każ ta' muniti mhux tal-euro)</th> <th style="width: 30%;">Informazzjoni rilevanti oħra, jekk ikun hemm</th> </tr> </thead> <tbody> <tr> <td> </td> <td> </td> <td> </td> <td> </td> </tr> </tbody> </table>	Tip ta' offerta u tip ta' strument offruti	Id-data għat-tlestija	Ammont [miġbur/meħud b'self] u l-ammont fil-mira (inkluż il-valur ekwivalenti f'euro u d-data tar-rata tal-kambju fil-każ ta' muniti mhux tal-euro)	Informazzjoni rilevanti oħra, jekk ikun hemm				
Tip ta' offerta u tip ta' strument offruti	Id-data għat-tlestija	Ammont [miġbur/meħud b'self] u l-ammont fil-mira (inkluż il-valur ekwivalenti f'euro u d-data tar-rata tal-kambju fil-każ ta' muniti mhux tal-euro)	Informazzjoni rilevanti oħra, jekk ikun hemm						
(b)	<p>L-iskadenza biex jintlaħaq [il-kapital fil-mira jew il-fondi fil-mira li jridu jittieħdu b'self]:</p> <p>[Id-data li fiha l-offerta se tingħalaq għal investituri potenzjali.]</p>								
(c)	<p>Informazzjoni dwar il-konsegwenzi jekk [il-kapital fil-mira ma jiġix iġġenerat] jew [il-fondi fil-mira ma jittieħdux b'self] sal-iskadenza</p> <p>Informazzjoni dwar il-konsegwenzi relatati mal-proċess ta' finanzjament kollettiv u l-parteċipazzjoni tal-investituri, jekk l-offerta ta' finanzjament kollettiv ma tilħaqx l-ammont minimu fil-mira, inkluż:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) jekk l-offerta ta' finanzjament kollettiv u l-impenji tal-investituri jiġux ikkanċellati; (ii) jekk xi ammonti li tħallsu mill-investituri jiġux rimborżati u, jekk iva, taħt liema modalitajiet u meta; (iii) jekk l-investituri humiex se jġarrbu xi tariffi jew spejjeż jekk l-offerta li ma tilħaqx l-ammont fil-mira. 								
(d)	<p>L-ammont massimu tal-offerta meta jkun differenti [mill-kapital fil-mira] jew [il-fondi fil-mira] msemmin fil-punt (a)</p> <p>L-ammont massimu tal-offerta u l-munita (inkluż il-valur ekwivalenti f'euro jekk il-munita mhijiex l-euro), jekk tali ammont ikun differenti [mill-kapital fil-mira] jew [mill-fondi fil-mira].</p>								
(e)	<p>L-ammont tal-fondi proprji impenjati għall-proġett ta' finanzjament kollettiv minn sid il-proġett;</p> <p>Indikazzjoni dwar jekk l-azzjonisti ewlenin jew il-membri tal-korpi maniġerjali, superviżorji jew amministrattivi ta' sid il-proġett investewx fl-istrumenti offruti, issottoskrivewx ruħhom għalihom jew impenjawx ruħhom li jinvestu fihom, u l-</p>								

	ammont kemm hu, inkluż bħala perċentwal fir-rigward tal-ammont fil-mira tal-offerta.
(f)	<p>Bidla fil-kompożizzjoni tal-kapital ta' sid il-proġett jew tas-self relatat mal-offerta ta' finanzjament kollettiv</p> <p>Deskrizzjoni tal-bidliet li se jirriżultaw fil-kompożizzjoni tal-kapital u d-dejn ta' sid il-proġett bħala konsegwenza tal-offerta ta' finanzjament kollettiv.</p>

Parti C: Fatturi tar-riskju

Preżentazzjoni tar-riskji ewlenin

Imla din it-Taqsima billi tiddeskrivi r-riskji ewlenin assoċjati mal-proġett ta' finanzjament kollettiv skont it-tipi ta' riskji ewlenin identifikati hawn taħt.

Il-lista li ġejja tat-tipi ta' riskji ewlenin mhijiex eżawrjenti. Kwalunkwe riskju ewleni ieħor li huwa rilevanti għall-proġett ta' finanzjament kollettiv, l-offerta ta' finanzjament kollettiv, sid il-proġett, it-titoli trasferibbli, u l-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv jew self għandhom jiġu deskritti wkoll f'din il-Parti.

Tip 1 – Riskju tal-proġett

Ir-riskji li huma intrinżiċi għall-proġett u li jistgħu jwasslu biex il-proġett ifalli. Dawn ir-riskji jistgħu jikkonċernaw, iżda mhumiex limitati għal:

- (i) id-dipendenzi tal-proġett, bħall-finanzjament, l-aspett ġuridiku, l-għoti ta' liċenzji, id-drittijiet tal-awtur;
- (ii) l-okkorrenza ta' xenarji avversi b'impatt negattiv;
- (iii) l-iżvilupp teknoloġiku ta' kompetituri jew prodotti kompetittivi;
- (iv) ir-riskji li jirriżultaw minn sid il-proġett.

Tip 2 – Riskju tas-settur

Riskji li huma intrinżiċi għal settur speċifiku. Dawn ir-riskji jistgħu jiġu kkawżati, pereżempju, minn bidla fiċ-ċirkostanzi makroekonomiċi, tnaqqis fid-domanda fis-settur li fih jopera l-proġett ta' finanzjament kollettiv u d-dipendenza fuq setturi oħra.

Is-settur tal-proġett għandu jkun deskritt billi tintuża l-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

Tip 3 – Riskju ta' inadempjenza

Ir-riskju li proġett jew sid il-proġett jista' jkun soġġett għal falliment jew proċedimenti oħra ta' insolvenza, u okkorrenzi oħra li jikkonċernaw il-proġett jew sid il-proġett li jistgħu jirriżultaw fit-telf tal-investment għall-investituri.

Riskji bħal dawn jistgħu jiġu kkawżati minn diversi fatturi, inkluż:

- (a) bidla (severa) fiċ-ċirkostanzi makroekonomiċi;
- (b) ġestjoni ħażina;
- (c) nuqqas ta' esperjenza

⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika, ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

- (d) frodi;
- (e) finanzjament mhux adegwat għall-fini tan-negozju;
- (f) it-tnedija mingħajr suċċess ta' prodotti;
- (g) in-nuqqas ta' fluss ta' flus.

Tip 4 – Riskju ta' tnaqqis, dewmien jew l-assenza ta' redditu

Ir-riskju li r-redditu jkun aktar baxx milli mistenni, idum jew li l-proġett jonqos milli jħallas il-kapital jew l-imgħax.

Tip 5 – Riskju assoċjat mal-falliment tal-pjattaforma

Ir-riskju li l-pjattaforma tal-finanzjament kollettiv ma tkunx tista' ttiprovdi s-servizzi tagħha b' mod temporanju jew permanenti.

Tip 6 – Riskju ta' illikwidità tal-investment

Ir-riskju li l-investituri ma jistgħux ibigħu l-investment tagħhom.

Tip 7 – Riskji oħra

Riskji li huma, *inter alia*, barra mill-kontroll ta' sid il-proġett, bħar-riskji politiċi u regolatorji.

Parti D: Informazzjoni relatata mal-offerta ta' titoli trasferibbli u strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv

(a)	<p>L-ammont totali u t-tip ta' [titoli trasferibbli] jew [strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] li jridu jiġu offruti</p> <p>Għandha tiġi speċifikata l-informazzjoni li ġejja:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) deskrizzjoni tat-tip u tal-klassi ta' strumenti li għandhom jiġu offruti; (ii) fejn applikabbli, l-għadd ta' strumenti li għandhom jiġu offruti, id-denominazzjoni, il-munita u t-termini tagħhom; (iii) il-livell relattiv tal-istrumenti fl-istruttura tal-kapital tal-emittent fl-eventwalità ta' insolvenza inkluż, meta jkun il-każ, l-informazzjoni dwar il-livell u s-subordinazzjoni tat-titoli.
(b)	<p>Il-prezz tas-sottoskrizzjoni</p> <p>Il-prezz li bih [it-titoli trasferibbli] jew [l-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] se jiġu offruti. Fejn applikabbli, din it-Taqsima għandha tindika wkoll l-ammont minimu ta' sottoskrizzjoni għal kull investitur.</p>
(c)	<p>Jekk humiex aċċettati sottoskrizzjonijiet żejda u kif dawn jiġu allokat</p>
(d)	<p>It-termini tas-sottoskrizzjoni u l-pagament</p> <p>Din it-Taqsima għandha tinkludi deskrizzjoni ċara tat-termini tas-sottoskrizzjoni, inkluż it-trasferiment tal-prezz tas-sottoskrizzjoni, u tal-proċess tal-pagament, inkluż it-twaqqit u l-metodu.</p> <p>Din it-Taqsima tista' tinkludi wkoll hyperlink għad-deskrizzjoni tal-proċess ta' sottoskrizzjoni u l-istruzzjonijiet.</p>
(e)	<p>Il-kustodja u l-konsenja ta' [titoli trasferibbli] jew [strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] lill-investituri</p>

	<p>F'din it-Taqsima għandhom jiġu speċifiki d-data tal-konsenja (jew fejn ma jista' jsir l-ebda impenn sod bħal dan, l-aħħar data possibbli tal-konsenja) u l-proċess tal-konsenja tal-istrumenti rilevanti (inkluż kwalunkwe kollateral għall-istrumenti), u indikat l-isem u d-dettalji ta' kuntatt (inkluż l-indirizz tal-posta elettronika) tal-emittent jew tal-aġent tiegħu.</p> <p>Meta s-servizzi ta' kustodja ma jiġux ipprovduti mill-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv, għandha ssir dikjarazzjoni ċara għal dan l-għan.</p> <p>Din it-Taqsima għandha tinkludi l-identità, in-numru ta' reġistrazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tad-depożitarju. Għandu jiġi indikat jekk hix dovuta xi tariffa mill-investitur għad-depożitarju.</p>
(f)	<p>Informazzjoni relatata mal-garanzija jew mal-kollateral li bih huwa garantit l-investment (fejn applikabbli)</p> <p>(i) Il-[garanti] jew il-[fornitur tal-kollateral] huwa persuna ġuridika?</p> <p>(ii) L-identità, il-forma ġuridika u d-dettalji ta' kuntatt [tal-garanti] jew [tal-fornitur tal-kollateral]</p> <p>(iii) Informazzjoni dwar in-natura u t-termini [tal-garanzija] jew [tal-kollateral] (inkluż il-livell tagħhom);</p>
(g)	<p>Informazzjoni relatata ma' impenn sod biex jinxtraw lura [it-titoli trasferibbli] jew [l-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] (fejn applikabbli)</p> <p>Deskrizzjoni tal-arranġament ta' xiri lura</p> <p>Din it-Taqsima għandha tipprovdi informazzjoni ċara u konċiża fir-rigward ta' kwalunkwe impenn ta' xiri lura. Fejn xieraq, tista' tiġi pprovduta informazzjoni aktar iddettaljata permezz ta' hyperlink.</p> <p>Perjodu ta' żmien għax-xiri lura</p> <p>Deskrizzjoni tal-kundizzjonijiet għall-parteciġazzjoni fix-xiri lura (inkluż kwalunkwe skadenza applikabbli).</p>
(h)	<p>Informazzjoni dwar ir-rata tal-imgħax u l-maturità</p> <p>Din it-Taqsima għandha tapplika għal titoli trasferibbli mingħajr ekwità (bħal bonds) jew għal strumenti ibridi (bħal bonds konvertibbli f'ishma).</p> <p>Rata ta' imgħax nominali:</p> <p>Ir-rata tal-imgħax nominali kull sena għandha tiġi ddikjarata b'mod ċar. Barra minn hekk, din it-Taqsima għandha tinkludi spjegazzjoni qasira tal-metodu użat għall-kalkolu tagħha jew hyperlink għas-sit web tal-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv inkluż tali spjegazzjoni.</p> <p>Ir-rata tal-imgħax annwali għandha tiġi ddivulgata b'żewġ deċimali ta' preċiżjoni u</p>

<p>fil-format ippreferut li ġej:</p> <p>[●] % fis-sena (ikkalkulata permezz ta' [inkludi l-metodu ta' kalkolu applikat]); jew meta r-rata tal-imgħax hija varjabbli, informazzjoni fil-qosor dwar il-fatturi ewlenin li jiddeterminaw ir-rata tal-imgħax (pereż. ir-Rata Interbankarja Offruta f'Euro, EURIBOR, flimkien ma' X %) u l-kalkolu tagħha.</p> <p>Data minn meta l-imgħax isir pagabbli:</p> <p>Dati ta' skadenza għall-pagamenti tal-imgħax:</p> <p>Data ta' maturità (inklużi l-ħlasijiet lura intermedji fejn applikabbli):</p> <p>Rendiment applikabbli:</p> <p>Ir-rendiment għandu jiġi kkalkulat bħala rata annwali u f'konformità mal-metodu użat għall-kalkolu tar-rata tal-imgħax nominali annwali u pprovdut bi preċiżjoni ta' żewġ deċimali. Is-suppożizzjonijiet ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu tar-rendiment għandhom ukoll jiġu divulgati fil-qosor.</p>

Parti E: Informazzjoni dwar entitajiet bi skop speċjali (special purpose vehicles, SPV)

(a)	<p>Hemm involuta entità bi skop speċjali bejn sid il-proġett u l-investitur?</p> <p>Iva/le</p>
(b)	<p>Id-dettalji ta' kuntatt tal-SPV.</p> <p>Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija ta' hawn fuq hija "iva", din it-Taqsima għandha tispeċifika l-identità, il-forma legali u l-uffiċċju rreġistrat tal-SPV.</p>

Parti F: Id-drittijiet tal-investituri

[F'konformità mal-Artikolu 23(7) tar-Regolament (UE) 2020/1503, fil-każ ta' strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv, meta l-informazzjoni meħtieġa skont il-Parti F tal-Anness I taqbeż l-ammont ta' naħa waħda ta' karta A4 meta tiġi stampata, il-bqija tagħha għandha tiġi ppreżentata f'anness meħmuż mal-iskeda tal-informazzjoni ewlenija dwar l-investment.]

(a)	<p>Id-drittijiet ewlenin marbuta [mat-titoli trasferibbli] jew [mal-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv]</p> <p>Deskrizzjoni qasira tad-drittijiet ewlenin marbuta mal-istrumenti, miġburin skont it-tipi, bħalma huma:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) id-drittijiet tad-dividendi; (ii) id-drittijiet tal-vot; (iii) id-drittijiet ta' aċċess għall-informazzjoni; (iv) id-drittijiet ta' prelażżjoni f'offerta għal sottoskrizzjoni ta' strumenti tal-istess klassi; (v) id-dritt għal sehem mill-profitti tal-emittent; (vi) id-dritt għal sehem minn kwalunkwe surplus fil-każ ta' likwidazzjoni; (vii) id-drittijiet ta' tiffidja; (viii) id-drittijiet ta' konverżjoni; (ix) id-drittijiet ta' ħruġ konġunt f'każ li tinqala' ċirkustanza operattiva (jiġifieri
-----	---

	<p>bidla fil-kontroll, id-drittijiet tag-along).</p> <p>Tista' tiġi inkluża hyperlink għad-dokumenti kostituzzjonali ta' sid il-proġett jew kwalunkwe dokument legali rilevanti ieħor, flimkien ma' referenzi għall-artikoli jew għan-numri tat-taqsimiet rilevanti.</p>
(b) kif ukoll	<p>Restrizzjonijiet li għalihom huma soġġetti [t-titoli trasferibbli] jew [l-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] u r-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment tal-istrumenti.</p>
(c)	<p>Din it-Taqsima għandha tinkludi deskrizzjoni ta' kwalunkwe ftehim tal-azzjonisti jew ta' xi arranġament ieħor li jipprevjeni jew fi kwalunkwe każ jillimita t-trasferibbiltà tal-istrumenti, bħal klawżoli li jirrestrinġu d-dritt li jinbiegħu l-istrumenti (pereżempju klawżoli ta' approvazzjoni jew klawżoli ta' inaljenabbiltà temporanja).</p> <p>Din it-Taqsima għandha tinkludi wkoll deskrizzjoni ta' restrizzjonijiet oħra li għalihom huma soġġetti l-istrumenti, bħall-klawżoli ta' disponiment sfurzat (pereżempju klawżoli ta' esklużjoni, klawżoli ta' xiri mill-ġdid, obbligu ta' ħruġ konġunt fil-każ ta' bidla fil-kontroll, id-drittijiet drag-along), li jispeċifikaw b'mod partikolari l-kundizzjonijiet finanzjarji ta' tali disponimenti.</p>
(d)	<p>Opportunitajiet għall-investitur biex joħroġ mill-investment</p>
(e)	<p>Għall-istrumenti ta' ekwità, id-distribuzzjoni tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot qabel u wara ż-żieda fil-kapital li tirriżulta mill-offerta (jekk jitqies li [it-titoli trasferibbli] jew [l-istrumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv] kollha se jiġu sottoskritti).</p> <p>Meta tiġi ppreżentata d-distribuzzjoni tal-kapital u tad-drittijiet tal-vot qabel u wara ż-żieda fil-kapital li tirriżulta mill-offerta, l-informazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża għal kull klassi ta' kapital azzjonarju:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) it-total tal-kapital azzjonarju awtorizzat tal-emittent; (ii) l-għadd tal-ishma maħruġa u mħallsa għal kollox u l-għadd tal-ishma maħruġa iżda mhux imħallsa għal kollox; kif ukoll (iii) il-valur nominali għal kull sehem, jew li l-ishma ma għandhomx valur nominali; <p>Jekk ikun hemm ishma li ma jirrappreżentawx kapital, iddikjara l-għadd u l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn l-ishma.</p>

Parti G: Divulgazzjonijiet relatati ma' self

(a)	<p>In-natura, it-tul u termini materjali oħra tas-self</p>
(b)	<p>Ir-rati tal-imgħax applikabbli jew, meta applikabbli, kumpens ieħor lill-investitur</p> <p>Ir-rati tal-imgħax applikabbli għal kull sena għandhom jiġu ddikjarati b'mod ċar. Barra minn hekk, din it-Taqsima għandha tinkludi spjegazzjoni qasira tal-metodu użat għall-kalkolu tagħhom jew ħolqa għas-sit web tal-fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv inkluża din l-isjegazzjoni.</p> <p>Ir-rata tal-imgħax annwali għandha tiġi ddivulgata bi preċiżjoni ta' żewġ deċimali u fil-format ippreferut li ġej:</p> <p>[●] % fis-sena (ikkalkulata permezz ta' [inkludi l-metodu ta' kalkolu applikat]); jew meta r-rata tal-imgħax hija varjabbli, informazzjoni fil-qosor dwar il-fatturi ewlenin li</p>

	jiddeterminaw ir-rata tal-imgħax (pereż. EURIBOR, flimkien ma' X %) u l-kalkolu tagħha.
(c)	Miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju, inkluż l-eżistenza ta' fornituri ta' kollateral jew garanti jew tipi oħra ta' garanziji
(d)	L-iskeda għall-ħlas lura tal-kapital u għall-ħlas tal-imgħax Meta jkun permess ħlas lura ta' self bil-quddiem, fuq l-inizjattiva ta' sid il-proġett jew tal-mutwanti, dan għandu jiġi deskritt, filwaqt li jiġu stipulati t-termini u l-kundizzjonijiet tal-ħlas lura.
(e)	Kwalunkwe inadempjenza fuq ftehimiet ta' kreditu minn sid il-proġett fl-aħħar ħames snin [Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, id-definizzjoni ta' inadempjenza kif stabbilita fl-Artikolu 1 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) XX/XX [OP:C(2022) 4830]
(f)	Is-servizzjar tas-self, (inkluż f'sitwazzjonijiet fejn sid il-proġett ma jissodisfax l-obbligi tiegħu) Din it-Taqsima għandha tispjega l-entità (inkluż l-isem ġuridiku, in-numru ta' reġistrazzjoni u l-post ta' reġistrazzjoni, l-uffiċċju rreġistrat u d-dettalji ta' kuntatt) responsabbli mis-servizzjar tas-self u tipprovdi informazzjoni qasira fir-rigward tal-politika ta' servizzjar tagħha, li għandha tinkludi informazzjoni dwar il-proċeduri meħuda f'każ li l-obbligi tas-self ma jiġux issodisfati. Tista' tingħata hyperlink għall-paġna jew għad-dokument rilevanti li jkollhom id-dettalji tal-politika ta' servizzjar.

Parti H: Tariffi, informazzjoni u rimedju ġuridiku

(a)	It-tariffi u l-ispejjeż imġarrba mill-investitur fir-rigward tal-investment (inkluż l-ispejjeż amministrattivi li jirriżultaw mill-bejgħ ta' strumenti ammessi għal finijiet ta' finanzjament kollettiv)		
	Din it-Taqsima għandu jkun fiha preżentazzjoni f'format ta' tabella tat-tariffi, kummissjonijiet, spejjeż u imposti diretti u indiretti kollha mġarrba mill-investitur fir-rigward tal-investment tiegħu u l-ħruġ mill-investment.		
	Fejn jiġu ddikjarati ammonti u valuri perċentwali tal-euro (jew munita applikabbli oħra), dawn għandhom jiġu kkalkulati għal investment ipotetiku ta' EUR 10 000 u fuq bażi annwali.		
	Tariffi, Imposti u Spejjeż oħra	f'euro (jew munita oħra applikabbli)	bħala perċentwal tal-ammont totali tal-investment
			Eżempji (mhux eżawrjenti)

Ta' darba	Spejjeż tad-dħul (ipprovdi d-dettalji)	Euro[...]	[...] %	L-ispejjeż li l-investitur iħallas meta jagħmel l-investment. Dawn l-ispejjeż jinkludu spejjeż relatati mas-sottoskrizzjoni tal-investitur (bħal tariffi notarili, ħlasijiet bil-quddiem u taxxi tal-boll), u spejjeż relatati mal-assi sottostanti (bħat-tariffi tas-sejjieb u tal-aġent, it-tariffi notarili, it-taxxi fuq il-proprjeta immobbli u taxxi oħra fuq l-akkwist)
	Spejjeż tal-ħruġ (ipprovdi d-dettalji)	Euro[...]	[...] %	L-ispejjeż li l-investitur iħallas meta joħroġ mill-investment fil-maturità (bħat-tariffi tas-sejjieb u tal-aġent, it-tariffi notarili, it-taxxi fuq il-proprjeta immobbli u taxxi oħra fuq l-akkwist, l-ispejjeż tal-istralċ)
Kontinwi		Euro[...]	[...] %	L-ispejjeż li l-investitur iġarrab tul il-perjodu ta' żamma tal-investment (bħat-tariffi ta' kustodja u ta' ġestjoni, it-tariffi legali u tal-awditjar, it-taxxi kurrenti relatati mal-investment tiegħek jew mal-assi sottostanti)
Inċidentali	Tariffi fuq il-prestazzjoni/ Kumpens għall-prestazzjoni (ipprovdi d-dettalji)	Euro[...]	[...] %	Tariffi li l-investitur iħallas lil sid(ien) il-proġett jekk jintlaħqu ċerti parametri ta' suċċess
	Tariffi inċidentali oħra (ipprovdi d-	Euro[...]	[...] %	It-tariffi tas-sejjieb, it-tariffi ta' rifinanzjament, it-tariffi tat-tranzazzjonijiet (jekk mhux diġà inkluzi fit-

		dettalji			tariffi ta' darba)
(b)	Minn fejn u kif tista' tinkiseb bla ħlas informazzjoni addizzjonali dwar il-proġett ta' finanzjament kollettiv, sid il-proġett [u, fejn applikabbli, l-SPV]				
(c)	<p>Kif, u lil min l-investitur jista' jindirizza lment dwar l-investment jew dwar l-imġiba ta' sid il-proġett jew ta' fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv</p> <p>Għandha tingħata l-informazzjoni li ġejja fil-qosor:</p> <ul style="list-style-type: none"> (i) il-passi li għandhom jiġu segwiti għat-tressiq ta' lment dwar l-investment jew dwar l-imġiba ta' sid il-proġett jew ta' fornitur tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv; (ii) ħolqa għall-paġna web u l-formola rilevanti għal dawn l-ilmenti; (iii) sit web jew indirizz elettroniku aġġornat li fih jistgħu jiġu sottomessi dawn l-ilmenti. 				